Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,279, 17 ta' Mejju, 1996
Taqsima B

A.L. 90 ta' l-1996

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1996 dwar il-Kors għall-Grad ta' *Master of Science* – M.Sc.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 dwar il-kors għall-Grad ta' *Master of Science* – M.Sc.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra –

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u Kirurġija;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' *Master of Science* – M.Sc.;

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad.

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet mibdija fis-sena akkademika 1995/96 jew wara.

Ġenerali

3. Il-Grad ikun offrut f'dawn l-oqsma:

(a) is-Saħħa Pubblika;

(b) il-Patoloġija;

(ċ) u f'kull qasam ieħor propost mill-Bord, u kif approvat mis-Senat.

(5) Uhud mit-taqsimiet studju għandhom jinvolvu xogħol prattiku taħt superviżjoni. Dan ix-xogħol prattiku għandu jkun ikkunsidrat bħala komponent essenzjali tal-Kors li għalih għandhom jingħataw kredti.

(6) Kandidat jista' japplika għall-eżenzjoni minn sa kwart tat-taqsimiet studju, jekk jista' jippreżenta kwalifika li hi, fl-opinjoni tal-Bord, ekwivalenti għal dawk it-taqsimiet.

Valutazzjoni kontinwa

7. (1) F'kull semestru tal-Kors il-kandidati għandhom ikunu eżaminati fit-taqsimiet studju li jkunu saru matul dak is-semestru skond il-kriterji stabbiliti mill-Bord.

(2) Il-kredti għandhom jiġu vvalutati skond dawn il-gradi f'dan l-ordni li jibda mill-ogħla mertu u jasal sa l-anqas: A, B, C, D u F fejn F tindika li kandidat ikun weħel.

(3) Kandidat li jeħel f'xi taqsima studju jista' jitħalla jagħmel riparatorju darba biss. Jekk jeħel fir-riparatorju, il-kandidat jista' jitħalla jirrepeti xi waħda mit-taqsimiet studju darba biss. F'każ ta' riparatorju jew repetizzjoni l-grad massimu li student jista' jikseb huwa D.

Proġett ta' riċerka individwali

8. (1) Il-kandidati għandhom ikunu meħtieġa jtemmu proġett ta' riċerka taħt superviżjoni tutorjali.

(2) It-titolu u t-tqassim proposti tal-proġett għandhom jiġu approvati mis-*supervisor* u mbagħad sottomessi għall-approvazzjoni finali tal-Bord.

(3) Il-proġett għandu jissodisfa l-Bord f'dak li jirrigwarda forma, kontenut u preżentazzjoni.

(4) Il-proġett għandu jkun ta' 15,000 sa 20,000 kelma fit-tul (esklużi l-irjus, it-tabelli, ir-riferenzi u l-appendiċijiet).

(5) Il-proġett għandu jiġi sottomess fil-forma finali, mhux aktar tard mill-għoxrin xahar mill-bidu tal-Kors, sakemm ma tkunx inghatat estensjoni mill-Bord.

Eżami finali

9. (1) Eżamijiet komprensivi bil-miktub għandhom isiru fl-aħħar tal-Kors. Dawk il-kandidati biss li jkunu kisbu mill-anqas 20 kredtu għandhom jiġu ammessi għall-eżamijiet.

(2) Il-kandidati jistgħu jiġu meħtieġa li jagħmlu eżami *viva voce*.

(3) Il-karti ta' l-eżami għandhom jiġu mmarkati bl-istess mod bħal kredti.

Gradi finali

10. (1) Il-grad finali għandu jkun ibbażat fuq l-għemil fit-taqsimiet studju, fil-proġett u fl-eżamijiet finali.

(2) L-ismijiet tal-kandidati li jikkwalifikaw għall-Grad għandhom ikunu ppubblikati f'ordni alfabetiku f'żewġ kategoriji: Għadda jew Għadda b'Distinzjoni.

(3) Kandidat ma jistax jingħata l-Grad jekk ma jkunx għadda f'kull parti tal-valutazzjoni (jiġifieri fit-taqsimiet studju, fil-proġett u fl-eżami finali).